

28.9.2023

A9-0271/101

**Emenda 101**

**Maria Spyra**

f' isem il-Grupp PPE

**João Albuquerque**

f' isem il-Grupp S&D

**Jutta Paulus**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**Maria Spyra**

Il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imbagg tas-sustanzi u t-taħlitiet  
(COM(2022)0748 – C9-0433/2022 – 2022/0432(COD))

**A9-0271/2023**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b**

Regolament (KE) Nru 1272/2008

Artikolu 37 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-manifatturi, l-importaturi jew l-utenti downstream tas-sustanzi jistgħu jissottomettu lill-Aġenzija proposta għal klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati ta' dawk is-sustanzi u, fejn xieraq, limiti ta' konċentrazzjoni speċifiċi, fatturi M jew stimi tat-tossiċità akuta, sakemm ma jkun hemm l-ebda entrata fil-Parti 3 tal-Anness VI għal tali sustanzi b'rabta mal-klassi ta' periklu jew id-differenzjazzjoni koperta minn dik il-proposta.;

*Emenda*

2. Il-manifatturi, l-importaturi jew l-utenti downstream tas-sustanzi jistgħu jissottomettu lill-Aġenzija proposta għal klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati ta' dawk is-sustanzi u, fejn xieraq, limiti ta' konċentrazzjoni speċifiċi, fatturi M jew stimi tat-tossiċità akuta, sakemm ma jkun hemm l-ebda entrata fil-Parti 3 tal-Anness VI għal tali sustanzi b'rabta mal-klassi ta' periklu jew id-differenzjazzjoni koperta minn dik il-proposta. ***Fil-każ ta' proposta għal klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati ta' grupp ta' sustanzi, dawk is-sustanzi għandhom jiġu raggruppati flimkien abbażi ta' kriterji xjentifiċi ċari (kif speċifikat fir-REACH, fl-Anness XI (1.5)), inklużi similarità strutturali u profili ta' periklu simili bbażati fuq l-evidenza.***

Or. en

28.9.2023

A9-0271/102

**Emenda 102**

**Maria Spyra**

f' isem il-Grupp PPE

**João Albuquerque**

f' isem il-Grupp S&D

**Anja Hazekamp**

f' isem il-Grupp The Left

**Jutta Paulus**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Martin Hojsik**

f' isem il-Grupp Renew

**Rapport**

**A9-0271/2023**

**Maria Spyra**

Il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet  
(COM(2022)0748 – C9-0433/2022 – 2022/0432(COD))

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23**

Regolament (KE) Nru 1272/2008

Artikolu 48 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-użu ta' asserzjonijiet ambjentali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (o), tad-Direttiva 2005/29/KE għandu jkun ipprojbit għal sustanzi u taħlitiet li huma kklassifikati bħala perikolużi minħabba l-proprjetajiet tagħhom mutaġeniċi għaċċelloli ġerminali, karċinoġeniċi, tossiċi għar-riproduzzjoni, ta' tfixkil endokrinali għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi (PBT), persistenti ħafna, bjoakkumulattivi ħafna (vPvB), persistenti, mobbli u tossiċi (PMT), jew persistenti ħafna, mobbli ħafna (vPvM);**

Or. en

28.9.2023

A9-0271/103

**Emenda 103**  
**Maria Spyra**  
f' isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Maria Spyra**  
Il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġ tas-sustanzi u t-taħlitiet  
(COM(2022)0748 – C9-0433/2022 – 2022/0432(COD))

**A9-0271/2023**

**Proposta għal regolament**  
**Anness II – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1272/2008  
Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.1.1.1

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

**3.1.1.1. Imballaġ** ta' kwalunkwe kapaċità li fih sustanza jew taħlita fornuta lill-pubbliku ġenerali u kklassifikata għat-tossiċità akuta, kategoriji 1 sa 3, STOT – espożizzjoni waħda kategorija 1, – STOT espożizzjoni ripetuta kategorija 1, jew **korrużjoni tal-ġilda** kategorija 1 għandhom ikunu mgħammra bi qfieli reżistenti għat-tfal.

**-1 fil-Parti 3, it-Taqsima 3.1.1.1 hija emendata kif ġej:**

**“Imballaġ** ta' kwalunkwe kapaċità li fih sustanza jew taħlita fornuta lill-pubbliku ġenerali u kklassifikata għat-tossiċità akuta, kategoriji 1 sa 3, STOT – espożizzjoni waħda kategorija 1, STOT – espożizzjoni ripetuta kategorija 1, **korrużjoni tal-ġilda kategorija 1, jew ħsara serja lill-għajnejn** kategorija 1 **b'pH ≤ 2 jew pH ≥ 11,5** għandhom ikunu mgħammra bi qfieli reżistenti għat-tfal.

Or. en

*(Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 Anness II - Parti 3 - Taqsima 3.1.1.1)*